Lill-Eċċellenza tiegħu Monsinjur Arċisqof,

Aħna, 81 membru tal-istaff tal-kulleġġ San Albert il-Kbir, nirringrazjawk talli esprimejt ix-xewqa li tkun medjatur bejn is-Sur Mario Mallia u l-Provincja Dumnikana. Nawguraw li dan il-proċess tad-djalogu iseħħ mill-aktar fis possibli biex tissolva din is-sitwazzjoni li qed tweġġa tant qlub tal-familja tal-kulleġġ.

Konna xxukjati meta nhar l-Erbgħa 27 ta' Lulju rajna l-bibien tal-iskola magħluqa u mgħassa minn security guards. Din għalina kienet metafora tal-bibien u l-qlub magħluqa li sibna kull darba li tlabna djalogu mar-Rettur u l-bord. Għalkemm ilna nafu bl-eżistenza tal-board għal dawn l-aħħar xhur qatt ma kellna l-opportunita' li niltaqgħu u nsiru nafu lill-membri tal-bord.

Dawn il-ġrajjiet li seħħu - it-tkeċċija tas-Sur Mallia minn surmast u l-atti ta' intimidazzjoni minn naħa ta' membri tal-board u r-Rettur, fosthom ittri bl-avvukati - jitfgħuna f'inċertezza u jqanqlu fina biża minħabba l-fatt li r-Rettur m'għandux il-kompetenza u l-għarfien ta' kif għandha titmexxa skola. Dan jidher fiċ-ċar minn diversi deċiżjonijiet mhux għaqlija, li ġew meħudha minnu, fosthom biex jitwaqfu s-suġġett 'MEET' u l-koperattiva 'This is COOP', li jżommu fiċ-ċentru l-iżvilupp ħolistiku ta' kull student u studenta u l-identita Kattolika taghna. Aħna nħossuna kburin li nagħmlu parti minn kommunita' li thaddan fiha l-valuri Kristjani ta' inklusivita', għaqda u mħabba.

Id-deċiżjonijiet imsemmija hawn fuq ġew meħudha mingħajr djalogu bejn it-tmexxija tal-iskola, u persuni oħra kkonċernati, u r-Rettur u l-board. Id-diskussjoni u d-djalogu minn dejjem kienu fatturi fondamentali fil-mod tat-tmexxija tas-Sur Mallia li waslu biex jaqduna flimkien u jinħoloq sens ta' familja.

Għaldaqstant nixtiequ niltaqghu mieghek bħala membri tal-istaff tal-kulleġġ biex inkomplu niddiskutu u niċċaraw dawn il-punti.

Grazzi bil-quddiem.